MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 248/2008

**Rikors numru 248/08 AF**

**AB**

**vs**

**C D gia` B proprio; u li b`digriet ta` l-20 ta` Gunju, 2008 giet anke nominata bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-minuri E B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` AB fejn wara li huwa ppremetta illi:

1. Fl-24 ta` April, 1988 huwa zzewweg lill-intimata C D, liema zwieg gie ddikjarat null u bla effett fil-ligi, minhabba impotenza tar-rikorrenti skond l-Artikolu 19(1)(e) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta` Malta, permezz ta` sentenza ta` l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-30 ta` Jannar,

2008 fl-ismijiet “AB vs C D” (Rikors Guramentat Numru 398/06 NC), liema sentenza ma gietx appellata u ghalhekk saret d-debita annotazzjoni fir-Registru Pubbliku, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat “Dok. A”;

2. Fit-12 ta` Settembru, 1991 l-intimata welldet tifla, bl-isem ta` E, kif jindika l-anness certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat “Dok. B”, li mhijiex it-tifla bijologika tar-rikorrent, u dana kif jirrizulta kemm mic-certifikat tad-DNA tas-27 ta` Novembru, 2007 hawn anness u mmarkat “Dok. C”, li l-original tieghu kkonfermat bil-gurament ta` l-awturi tieghu jinsab ezebit fl-atti tar-Rikors Guramentat Numru 398/06 NC surreferit, kif ukoll mix-xhieda ta` l-intimata C D moghtija fl-istess atti;

Talbu lir-rikorrent jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja l-allegazzjoni ta` l-atti tar-Rikors Guramentat Numru 398/06 NC u prevja kull dikjarazzjoni ohra li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi E B li twieldet mill-intimata C D fit-12 ta` Settembru, 1991, mhix bint ir-rikorrent AB kif jidher ddikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 4567 ta` l-1991 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

2. tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta` E B li jgib in-Numru ta` Iskrizzjoni 4567 ta` l-1991 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “eta”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu” u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol il-kliem “unknown father” jew “father unknown” jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti, kif ukoll tordna li mill-imsemmi Att ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta` l-omm, u tordna kull modifika ohra li tista` tkun mehtiega f`dan l-att u f`kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tar-rikors ghal kuraturi pprezentat kontestwalment, kontra l-intimata C D, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet ta` l-20 ta` Gunju, 2008 li permezz tieghu l-intimata C D gia` B giet konfermata bhala kuratrici *ad literu* ta` bintha minuri E.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li qal:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem *"the said"* jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta` l-omm.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-intimat li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x`jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi ghalkemm debitament notifikata, l-intimata ghazlet li ma tipprezenta ebda twegiba.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta` Dicembru, 2008 fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 398/06 NC.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-kwadru tal-fatti f`din il-kawza jinsab ben definit u spjegat fix-xhieda mressqa mill-attur fil-kawza tal-annullament taz-zwieg ta` bejn il-partijiet. Fil-qosor, minn hemm jirrizulta ampjament li l-wild E B m`hijiex il-wild bijologiku tar-rikorrent AB. Il-prova xjentifika ta` dan ingabet fil-kawza tal-annullament taz-zwieg tal-partijiet, u cioe` bix-xhieda ta` l-espert genetiku Dr. Christopher Vidal u d-dokumenti minnu esibiti. Dawn jissodisfaw pjenament lil din il-Qorti, fl-iskop ta` din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li E B li twieldet fit-12 ta` Settembru, 1991 bint l-intimata C D m`hijiex bint ir-rikorrenti AB.

2. tordna li fl-Att tat-twelid Nru. ta` Iskrizzjoni Nru 4567 tal-1991 fil-kolonna intestata "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija" jithassar isem ir-rikorrenti u minflok jitnizzlu l-kliem "unknown father". Ghandhom jigu kancellati ukoll konsegwentement id-dettalji tat-taghrif tal-missier inkluzi taghrif dwar professjoni, sengha jew stat iehor, eta`, post tat-twelid, residenza u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet. Mil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm" ghandhom jithassru l-kliem "the said".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------